u jitħannu u qalbhom tfawwar bil-hena u s-sliem u l-annimali kienu joħorġu mill-bejtiet u moħbiet tagħhom u jsiru gwejdin u jitħalltu mal-bnedmin ta' qalbhom tajba u jersqu mansi u fidili lejn dak ir-Raġel ħanin, donnhom jagħrfuh b'Sid u Ħallieq tagħhom.

Sena wara l-oħra n-nies draw dik il-Kewkba, kienu jitgħaxxqu biha u jħarsu lejha bħala għelm ta' barka u sliem għax bit-tleblib u d-dawl tagħha kienet tfarraġhom, twetithom, isserraħhom u saħansitra tgħinhom, u teħlishom mit-tiġrib. Hekk, dik il-kewkba ħanina kienet mexxiet it-tliet slaten tal-Lvant meta dawn, kull wieħed għal rasu, kienu ħallew pajjiżhom biex imorru jagħtu ġieħ u qima lit-Tarbija mwielda fil-għar ta' Betlem. Dik il-kewkba wkoll kienet uriet it-triq lil Omm u 'l Missier tat-Tarbija meta ħarbu mill-qilla ta' Erodi u fettxew il-kenn fl-Eġittu.

Kull min kien ikun fil-hemm bil-lejl kien jerfa' għajnejh lejn dik il-kewkba fis-sema. It-tfal qabel jorqdu kienu jħarsu lejha bil-ħlewwa mit-twieqi ta' kamrithom u fin-ngħas imxaħxaħ tagħhom kienu dlonk joħolmu biha u jistħajluha qiegħda xxerred fuqhom xita ta' deheb u zekkini. Saħansitra l-għasafar qalb il-weraq kenni tas-siġar, qabel jorqdu u malli jistenbhu, bit-tpespis u l-għana tagħhom kienu jagħtuha l-merħba u jsellmu lil dik il-kewkba tiddi fis-smewwiet.

Imma mbagħad ġara li l-għira u l-kefrija ftiehmu bejniethom sabiex jeqirdu t-tjieba minn fuq wiċċ l-art. Dak ir-Raġel ħanin u għaref, għalliem is-sewwa li kien twieled malli feġġet dik il-kewkba, sab ruħu miċħud u mibjugħ. L-egħdewwa tiegħu ħatfuh, rabtuh u ħaduh quddiem il-Qorti, u minkejja tal-ħaqq u s-sewwa qatgħuhielu għal mewt fuq salib.

Dan ġara tlieta u tletin sena wara l-ferħ li d-dinja kienet ġarrbet bit-twelid tat-Tarbija fil-għar ta' Betlem u bid-dehra tal-kewkba l-ġdida fil-għoli tas-smewwiet. Kien nhar ta' Ġimgħa. Dak il-Bniedem imwieled fil-għar, kien qiegħed imut imsammar fuq is-salib u wara tliet sigħat ta' agunija ħarxa, ħares bil-ħniena lejn Ommu l-għażiża, qaleb għajnejh lejn is-sema, mejjel rasu u temm ħajtu fuq din l-art. Minnufih id-dinja triegħdet, is-sema ċċajpar u dalma kbira għattiet il-ħolqien. Inda u mistħija mid-dnub waħxi li kien sar.



Fil-għaxija l-ħlejjaq kollha mbikkmin u beżgħanin refgħu għajnejhom biex itaffu l-hemm bid-dawl tal-kewkba saħħarija, iżda din kienet għabet u ma dehritx aktar.

---

## IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Ta'* Ġ. Borg Pantalleresco

*Lill-Professur Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*

Mhux il-ġmiel
li bih xi drabi
ikun minsuġ il-kliem;
imma tipperswadina biss,
it-tieba tar-ruħ
li wasslithulna
u bil-fwieħa ta' fomm ġenwin
f'qalbna ħallithulna.
Żgur, li dal-kliem,
li għalik il-lum żejjinli fommi,
huwa bnin
bħall-ħalib u d-demm
li ħadt,
minn sider ommi.
Lilek,
li ta' l-attenzjoni tiegħek
ħallejt f'qalbi tifkira mill-isbaħ
is-sliem tiegħi nibgħat
kif missier lil ibnu,
kull meta jisbaħ.
Darba li Alla ried
li l-qamħ nara jinbet
anki f'dal-Milied;
irrid il-lum mill-ġdid
nikser is-skiet
b'dal-versi fqajrin:
Jalla
bi qdusitu, bi ġmielu
u b'imħabbtu —
Ġesù Bambin
ikun magħkom dejjem
f'kull waqt
u f'kull ħin!

## LILL-MUŻIKA TA' CHOPIN

*Ta'* John Sciberras

Imnikkta int
għaliex ġarrabt il-qilla tal-mibegħda
u rajt jixxerrdu fl-art widien ta' dmija
ħerġin mill-qlub ta' dawk li mietu mriegħda
meta ndunaw bil-qerq li l-ħajja jdawwar?

Jew dejjem tibki
għaliex ġarrabt l-ilfiq ta' qalb żagħżugħa
li rat l-imħabba tagħha fl-art moħlija
imħabba ftit tlellix, ftit ġenn, ftit frugħa?